# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 ta' April 2001

Citazzjoni numru 589/2000 AJM

Kawza numru

Louis Camilleri

Vs

Odel Co. Limited u Maurice Portelli ghal kull interess li jista' jkollu.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa ghamel *operations agreement* mas-socjeta'onvenuta datat 14 ta' Awissu 1999, fejn is-socjeta' konvenuta accettatat li tghaddi l-gestjoni tal-fond bl-isem ta' "Il-Foresta" fil-limiti ta' Ta' Qali liema fond qieghed ghand is-socjeta konvenuta b'titolu ta' kera minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet; illi ghalkemm l-attur kien dejjem puntwali fil-hlas tal-*operator's fee* tieghu lis-socjeta' konvenuta u aderixxa ruhu mal-obbligi l-ohra kollha kontenenti fl-imsemmi *operations agreement*, is-socjeta' konvenuta qabdet u

unilateralment itterminat dan il-ftehim billi bidlet is-serraturi ta' l-imsemmi fond u ma tatx aktar access lill-attur ghall-imsemmi fond, u dana gara tmient ijiem biss wara li l-attur affettwa l-hlas tal-*operator's fee* dovuta lis-socjeta' konvenuta; billi l-fond in kwistjoni kien ilu ma jopera ghall-erba' snin shah, l-attur ghamel ammont konsierevoli ta' spejjes fil-gestjoni tal-fond in kwistjoni sabiex sabiex huwa jgib il-fond fi stat ta' manutensjoni tajba, kif ukoll ikun jista' jopera tajjeb l-imsemmi lokal, kif se jkollu l-opportunita' jispjega waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-attur, bit-terminazzjoni unilaterali ta' dan il-ftehim da parti tas-socjeta' konvenuta, sofra pregudizzju u danni konsiderevoli; illi l-attur ghalkemm interpella hafna drabi lis-socjeta' konvenuta sabiex tonora l-obbligi taghha skond l-imsemi ftehim hekk kif jidher mill-ittri interpellatorji datati 16 ta' Novembru 1999 u 25 ta' Novembru 1999 din baqghet inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta bhala unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur a kawza tat-terminazzjoni da parti taghha ta' l-*operations agreement* datat 14 ta' Awissu 1999;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza tas-socjeta' konvenuta;
3. tordna lis-socjeta' konvenuta thallas id-danni hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti annessi mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' Odel Co. Limited presentata fis-17 ta' Mejju 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. In-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju.
2. In-nullita'tal-iskrittura Dok A peress li ma gietx iffirmata minn mart l-attur.
3. Illi l-effetti tal-imsemmija skrittura skadew fil-31 ta' Awissu 1999.
4. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur billi –eccipjenti mhix responsabbli ghall-ebda dannu illi allegatament sofra l-attur. Ghalkuntrarju kien l-istess attur u siehbu illi kkagunaw dannu lis-socjeta''eccipjenti u f''an r-rigward qeda izzomm ferm u integru kwalsiasi dritt spettanti lilha skond il-ligi kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota tal-konvenut Maurice Portelli presentata fis-17 ta' Mejju 2000 li permezz taghha ecepixxa illi huwa mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peressilli kif jirrisulta mill-istess Dok A, ma kienx parti fuq dik l-iskrittura u fi kwalunkwe kaz qadt ma kellu relazzjonijiet guridici ma' l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut personalment.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta Gunju 2000 quddiemdin il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-6 ta' Novembru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat in-nota ta' l-attur presentata fl-1 ta' Dicembru 2000 meta dana ceda t-talbiet tieghu fil-konfront tal-konvenut Maurice Portelli.

Rat il-verbal tal-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru 2000 meta Dr. Grech ghas-socjeta' konvenuta spejga li l-eccezzjoni tieghu ta' nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju inghatat billi certu Joseph Camilleri ghandu ukoll ikun attur billi kien involut fin-negozju kif jidher mid-dokument A.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Permezz ta'skrittura privata datata 14 ta' Awissu 1999 is-socjeta' konvenuta ftehemet provisorjament li tqabbad lill-attur u Joseph Camilleri, bhala "operators" tal-istabiliment gewwa ta' Qali, maghruf bhala Il-Foresta. Dan il-ftehim kien suggett li jigi finalizzat permezz ta' kuntratt li kellu jigi pubblikat fil-31 ta' Awissu 1999. Effettivament dan il-kuntratt qatt ma gie ppubblikat u ghalhekk is-socjeta' konvenuta reget hadet pussess tal-fond.

L-attur qed jallega li bin-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li tiffirma l-kuntratt finali huwa sofra danni konsiderevoli billi nefaq xi spejjes fil-fond u anke sofra danni ohra konsistenti f'telf ta' qliegh futur.

Is-socjeta' konvenuta, filwaqt li tikkontesta dana kollu qed teccepixxi n-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju billi qed jinghad li gialadarba l-ftehim

kien gie ffirmat ma zewg persuni li "jointly and severally between them accept as operators" din l-azzjoni kienet tispetta lit-tnejn u mhux lill-attur wahdu.

Illi l-integrita' tal-gudizzju titlob li kull parti interessata fil-proceduri li jkunu tressqu quddiem il-Qorti tkun tifforma parti minn dawk il-proceduri biex il-kwistjoni li tkun tifforma l-mertu tal-kontestazzjoni tigi definta' darba ghal dejjem.

Illi fil-kaz in ezami l-attur qed jitlob li jigi kumpensat, in linea ta' danni, ta' dak li huwa sofra bhala rizultat tal-inadempjenza kuntrattwali ossia in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li tonora l-obbligi assunti bil-"konvenju" tal-14 ta' Awissu 1999. Din it-talba hija wahda personali u indipendenti minn kull talba li jista' jressaq il-kontraent l-iehor Joseph Camilleri li wara kollox seta' jew ma sofra ebda danni jew ma ghandu ebda interess li jfittex ghal xi telf li seta' garrab.

Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda utilita' li Joseph Camilleri jkun parti fil-kawza u konsegwentement l-eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

Spejjes riservati ghal gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J.Magri